# L-Altar ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Marija Annunzjata f'Ħal-Tarxien

**minn Mario Fenech**

Wieħed mill-altari tal-ġnub fil-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien hu dedikat lil San Ġużepp.

Dan l-altar jissemma' fir-rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel l-Isqof Cagliares fl-imsemmija knisja fis-sena 1624. Dakinhar, il-Kappella ta' San Ġużepp kienet ġustpatronat ta' ċertu Ġulju Veneziano u Ġulju Galdes.

L-istess altar jissemma' darb' oħra, din id-darba waqt il-Vista Pastorali li kien għamel fl-imsemmija knisja, l-Isqof Alpheran De Bussan fl-1745. Fir-rapport tiegħu kien kiteb li dan l-altar kien imdawwar bi skultura sabiħa li kienet tixbaħ lil dik li kien hemm fil-Knisja ta' Santu Rokku, fl-istess raħal ta' Ħal Tarxien.



Il-kwadru fuq dan l-altar, li fih wieħed jara l-Familja Mqaddsa ma nafux eżatt xogħol min hu. Hemm min jgħid li dan hu tal-artist Francesco Zahra filwaqt li studjużi oħra tal-arti isostni li dan hu xogħol l-artist Nikola Buhagiar.

Fil-kwadru naraw lil San Ġużepp bħala l-missier putattiv ta' Ġesù, qiegħed jindokra lil Iben Alla filwaqt li l-Madonna narawha qed taqra minn ktieb tat-talb.

Il-ħarsa fuq wiċċ San Ġużepp hi waħda ta' tjubija liema bħalha filwaqt li dik fuq l-għarusa kastissima tiegħu hi waħda ta' serenità u ġabra.

Hawnhekk, l-artist bħal donnu ried jurina s-safa ta' din il-koppja minn Nazarett li ġiet magħżula mis-sema biex tieħu ħsieb lil Ġesù sakemm dan jgħaddi mill-Passjoni u l-Mewt tiegħu, għall-fidwa tagħna.

Fil-parti ta' fuq tal-imsemmi kwadru, fuq sħab abjad li qed iservi bħala tron, l-artist poġġa lill-Missier Etern b'idejh miftuħa, qed iħares lejn il-Familja Mqaddsa, filwaqt li ftit 'il fuq minnu jidher l-Ispirtu s-Santu taħt forma ta' ħamiema.

Fil-parti t'isfel tat-tila, taħt it-tarġa li qed iserraħ riġlejh fuqha San Ġużepp, anġlu żgħir qed iżomm l-għodda tal-mastrudaxxa, filwaqt li ġilju abjad narawh lejn tarf it-tarġa – bħala simbolu tas-safa ta' San Ġużepp.

Anġli oħra jidhru qed josservaw ix-xena b'attenzjoni, biex iwasslu l-messaġġ ta' qdusija li xtaq iwassal l-artist bl-immaġinazzjoni tiegħu.

L-artist li għamel dan il-kwadru, fi spazju kemxejn żgħir pinġa xena li għandha tkun ta' ispirazzjoni għal dawk kollha li jħarsu lejn dan il-kwadru.

Kwadru li fih San Ġużepp hu ta' eżempju għalina biex jgħinna nersqu lejn il-Bambin Ġesù bħalma għamlu dawk li f'din il-parti relattivament ġdida ta' Birkirkara, bnew din il-knisja dedikata lilu li llum hi parroċċa taħt il-ħarsien tiegħu.




*G. B. Jewellery*

451, 453, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara
Tel: 2149 9679

156A, The Strand, Gżira Tel: 21322889



*Where one could find a variety of Diamond Jewellery, 18k Gold Jewellery and Lorenz & Laurens watches.*

*Also available is a wide selection of modern jewellery in Silver & Stainless Steel.*

*A wide choice of Silver Ornaments on display.*

*We also do Engagement and Wedding lists.*

*30% discount on Wedding Rings*